31971D0364

L 249/73 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 10.11.1971

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL tat-8 ta' Novembru 1971 li tapplika l-Artikoli 123 sa 127 tat-Trdattat lid-dipartimenti overseas Franċiżi

(71/364/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 227(2) tiegħu;

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni;

Billi t-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 227(2) jipprovdi li l-Kunsill għandu jiddetermina l-kondizzjonijiet li taħthom id-dispożizzjonijiet tat-Trattat ħlief dawk imsemmija fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 227(2) u b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 123 sa 127 tat-Trattat, għandhom japplikaw lid-dipartimenti *overseas* Franċizi;

Billi l-intervent mill-Fond Soċjali Ewropew x'aktarx jippromwovi l-iżvilupp ekonomiku u soċjali ta' dawk id-dipartimenti;

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-Artikoli 123 sa 127 tat-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea u l-miżuri meħuda fl-implimentazzjoni ta' dawk l-Artikoli għandhom japplikaw għad-dipartimenti overseas Franċiżi.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandha tidħol fis-seħħ fid-data meta r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2396/71 ([1]) tat-8 ta' Novembru 1971, li japplika d-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' l-1 ta' Frar 1971 dwar ir-riforma tal-Fond Soċjali Ewropew, jidħol fis-seħħ.

Magħmula fi Brussel, fit-8 ta' Novembru 1971.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A. MORO

([1]) ĠU L 249, ta' l-10.11.1971, p. 54.